`

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**
**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Carmel Saliba**

Numru: 470/2018

Illum 21 ta' Mejju 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Carmel Saliba**, iben Grezzju u Rita xebba Spiteri, imwieled nhar it-03 ta' Marzu 1964 fix-Xewkija, Għawdex, residenti ġewwa l-fond numru 66, Triq il-Kbira, Xewkija, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10264(G), akkużat talli fil-25 ta' Settembru 2018 u aktar matul is-sena ta' qabel li-

1. Żamm f'xi fond jew kellu fil-pusses tiegħu taht il-kontroll tiegħu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar jew munizzjon elenkati fl-iskeda II mingħajr ma jkollu licenzja taħt dan l-Att.

2. Aktar talli f'din l-aħħar sena insulenta, hedded jew inġurja b'xi kliem jew b' mod ieħor lil Angela Cassar;

3. Ġab ruħu b'tali mod li ta fastidju lil Angela Cassar u b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dak li għamel kien ta' fastidju għal Angela Cassar;

4. Bl-imġieba tiegħu kkaguna lil Angela Cassar tibża' li se tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra il-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti aħwa jew familjari oħra;

5. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaga oħra, jew biex jagħmel xi gwadan jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Angela Cassar tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaga, jew hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tiegħu/tagħha jew biex immalafama lil Angela Cassar jew xi persuna oħra jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

6. Aktar talli fil-25 ta' Settembru 2018 għall-ħabta ta' 17:00hrs ġewwa Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex saq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBG628 ta' għamla Toyota u saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta' dwar ir-riskji għat-terzi persuni;

7. Aktar talli fil-25 ta' Settembru 2018 għall-habta ta' 17:00hrs ġewwa Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex li saq vettura ta' għamla Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni GBG628 fi triq kemm ipparkajta kif ukoll kienet qed tintuża mingħajr liċenzja maħruġa mill-Awtorita' ta' Transport ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Angela Cassar skont it-termini tal-Artikolu 323 tal- Kap. ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni liċenzja għall-perijodu ta' żmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont it-termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Andrew Sciortino liema rapport jinsab esebit u mmarkat bhala dokument 'AS 1';

Rat illi, waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu 2021, il-Qorti kkonċediet żmien lill-partijiet sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat illi l-parte civile ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fis-17 ta' Marzu 2021;

Rat illi fit-18 ta' Marzu 2021 id-difiża ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

**<u>SINTESI TAL-PROVI MIĠBURA</u>**

Il-prosekuzzjoni esebiet affidavit ta' PS 1061 Justin Zammit. Is-**<u>Surġent PS 1061</u>** jispjega illi nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) għall-ħabta tat-tlieta nieqes għaxar minuti ta' wara nofsinhar (2:50 HRS) daħlet ġol-Għassa tar-Rabat, Għawdex, ċerta Angela Cassar (25557G) sabiex tagħmel rapport. Hija stqarret illi kienet f'relazzjoni ma' ċertu Carmel Saliba u li minkejja li din ir-relazzjoni ntemmet, Saliba kien baqa' jipprova jagħmel kuntatt magħha. Is-Surġent jgħid illi Cassar stqarret miegħu illi tul l-aħħar sena minn mindu kienu żarmaw minn ma' xulxin, Saliba kien baqa' jċemplilha, imur fir-residenza tagħha u jheddidha bi kliem kemm lilha u kif ukoll lill-bintha. Fost it-theddid, Cassar allegat li Saliba kien jgħid illi hija għad trid tara lill-bintha ġo *wheelchair*.

Is-Surġent ikompli billi jgħid illi Cassar qaltlu sabiex imur jara r-raġuni li għaliha kien qed jheddidha. Jgħid illi f'dak il-ħin Cassar ħarġet żewġt pistoli u munizzjon minn ġol-*handbag* tagħha, Cassar stqarret mas-Surġent illi l-armi kienu ta' Carmel Saliba u kien hu stess illi kien ħadhom id-dar tagħha meta kien għadu joqgħod magħha. Is-Surġent jgħid illi Cassar qaltlu li hija kif rathom ħbiethom minn Saliba, u meta Saliba staqsiha x'kien sar minnhom qaltlu li kienet iddisponiet minnhom.

Is-Surġent jgħid illi Carmel Saliba ġie mitlub sabiex jirrapporta l-Għassa tar-Rabat, Għawdex, sabiex jiġi mitkellem. Jgħid illi Saliba mar l-Għassa jsuq il-vettura GBG628. Ġie nnotat illi l-istess vettura ma kellhiex liċenzja taċ-ċirkolazzjoni u l-anqas *insurance*. Jgħid illi Saliba ġie nfurmat bir-rapport li sar minn Angela Cassar fil-konfront tiegħu u ġie mwissi bid-drittijiet tiegħu. Kien għalhekk illi Saliba kkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Anton Refalo.

Is-Surġent jgħid illi Saliba ġie mistoqsi dwar theddid li sar minnu fil-konfront ta' Angela Cassar u bintha. Għal dan Saliba għażel li ma jweġibx. Is-Surġent ikompli illi Saliba ġie muri l-armi tan-nar li Cassar kienet qed tallega li kienu tiegħu, iżda Saliba li għal bidu kien għażel illi ma jweġibx qal illi dawn ma kinux tiegħu. Is-Surġent jistaqsi lil Saliba wkoll dwar il-vettura GBG 628 li biha kien mar l-Għassa, speċifikament dwar il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tagħha u polza ta' assikurazzjoni għas-sewqan tagħha, iżda Saliba għażel li ma jweġibx għal dawn id-domandi.

Is-Surġent ikompli billi jgħid illi huwa għarraf lil Saliba li kien ser jitressaq il-Qorti, u nforma b'dan lill-Ispettur Josef Gauci. Mal-affidavit tiegħu s-Surġent jannetti r-rapport illi huwa kien ħejja li jġib ir-referenza 10/Z/3813/2018.

Fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti t'Għawdex affidavit ta' **Miriam Curmi** in rappreżentanza tas-soċjeta' GO plc. Is-Sinjura Curmi tgħid illi hija tokkupa l-kariga ta' *Team Leader* fi ħdan GO plc. Hija tgħid illi ġiet mitluba mill-prosekuzzjoni sabiex tixhed dwar telefonati magħmula lejn in-numru ċellulari 79552218 għal sena sħiħa qabel il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), (l-istess data inkluża), partikularment minn numri telefoniċi reġistrati f'isem Carmel Saliba, detentur ta' karta tal-identita' numru 10264(G).

Curmi tiddikjara illi mir-riċerki li hija għamlet fuq is-sistemi tal-kumpanija GO plc. ma rriżulta ebda informazzjoni fuq dak mitlub mill-pulizija skont it-taħrika tagħha.

Fl-ewwel seduta li saret nhar l-erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), xehed is-**Surġent PS 552 Matthew Grech**[1]. Huwa xehed illi nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru elfejn u tmintax (2018), huwa rrapporta għax-xogħol fit-tmienja ta' fil-għaxija (20:00 HRS) u ħa *hand over* mingħand PS 1061 Justin Zammit. PS 1061 Zammit infurmah li kien hemm Carmel Saliba jistenna lill-avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Anton Refalo sabiex jagħti l-istqarrija tiegħu. Jgħid illi l-każ kien dwar

[1] Illum Spettur

allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika, dwar armi tan-nar, u kif ukoll dwar vettura illi nstaqet mingħajr polza ta' assikurazzjoni.

Is-Surġent issokta jgħid illi għall-ħabta tat-tmienja u għoxrin ta' filgħaxija (20:20 HRS) daħal ġewwa l-Għassa tar-Rabat Għawdex l-avukat Anton Refalo u kien għalhekk illi setgħet tibda tittieħed l-istqarrija ta' Saliba. Is-Surġent jgħid illi huwa beda' billi nforma lil Saliba bl-allegazzjonijiet magħmula minn Angela Cassar fil-konfront tiegħu, imbagħad għadda biex jistaqsi lil Saliba dwar jekk kienx tassew illi huwa heddet lil Cassar u lill-bintha. Għal dan is-Surġent jgħid illi Saliba għażel li ma jweġibx. Is-Surġent jgħid li Saliba ġie muri wkoll il-pistoli u Saliba jgħid illi dawn ma kinux tiegħu. Is-Surġent jżid illi għal bidu Saliba ma kienx ser iwieġeb mistoqsijiet dwar l-armi iżda wara wieġeb illi l-istess armi ma kinux tiegħu. Is-Surġent ikompli jgħid illi x'ħin huwa staqsa lill-imputat dwar il-vettura GBG 628 jekk kellux assikurazzjoni fuqha u dwar il-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tagħha, Saliba għażel li ma jweġibx.

Is-Surġent jgħid illi informa b'dan kollu lill-Ispettur Josef Gauci dak il-ħin stess u nħarġu l-akkużi kontra Saliba. Saliba ntbagħat lura d-dar. Jgħid illi l-involviment tiegħu kien jasal sa hawn u li ma kellu l-ebda kuntratt ma' Angela Cassar jew ma' qraba tagħha.

In kontro eżami, mistoqsi jekk kienx ra lill-imputat isuq il-vettura, is-Surġent iwieġeb illi ma kienx irriżultalu li Saliba saq l-imsemmija vettura. Dwar l-armi jgħid ix-xhud iwieġeb illi kien rahom iżda dawn ma kinux elevati minnu. Jgħid illi dwar l-inċident ma jaf xejn aktar

minn dak illi kien għadu kemm xehed u li huwa kien biss xhud tal-istqarrija.

Fl-istess seduta xehed l-**Ispettur Josef Gauci** li qal illi nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tal-elfejn u tmintax (2018) huwa kien infurmat mis-Surġent PS 1061 Justin Zammit illi kien daħal rapport magħmul minn Angela Cassar fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex, dwar allegazzjonijiet ta' vjolenza domestika.

L-Ispettur jgħid illi Cassar kienet qalet illi hija kienet f'relazzjoni mal-imputat li kienet intemmet madwar sena qabel. Angela Cassar kienet qed tallega illi l-imputat heddidha bi kliem. Jgħid illi kien infurmat ukoll li Cassar ġabet żewġ pistoli magħha l-Għassa. Minn hemm huwa għadda biex ħareġ struzzjonijiet lis-Surġent sabiex jibgħat għal Saliba sabiex dan jirrapporta minnufih l-Għassa fejn kien ser jiġi mistoqsi dwar dawn l-allegazzjonijiet.

Jgħid illi kien sar *Risk Assessment* mis-*Social Workers* tal-FSWS u kien ħareġ illi Angela Cassar hija *high risk* u għadda biex informa lill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Joanne Vella Cuschieri b'dan. L-Ispettur jgħid illi intavola rikors fejn informa lill-Maġistrat biċ-ċirkostanzi tal-każ. Eventwalment kienet inħarġet Ordni ta' Protezzjoni favur Angela Cassar.

L-Ispettur esibixxa ir-rapport bir-referenza 10/Z/3818/2018. Jispjega illi r-rapport kien ġie aġġornat minnu stess peress illi huwa kien bagħat għal Angela Cassar u ħa l-verżjoni tagħha aktar fid-dettal. Jgħid illi

Cassar kienet qed tallega illi Saliba kien qed jheddidha. Cassar tgħidlu illi l-armi li ġabet magħha l-Għassa ma kinux tagħha iżda kienu tal-imputat Carmel Saliba.

In kontro eżami l-Ispettur jgħid illi l-armi kienu fil-pussess ta' Cassar u kienet hi stess li ħadithom l-Għassa. Cassar tgħidlu illi l-armi kienu ilhom fil-pussess tagħha. Jgħid illi mill-investigazzjonijiet tiegħu ma rriżultatlu l-ebda konnessjoni bejn l-armi u l-imputat Saliba, ħlief dak li kienet allegat Angela Cassar. Iżid illi minn riċerka li saret fis-sistema elettronika tal-armi rriżulta li Saliba ma kellu l-ebda arma reġistrata fuq ismu. Mistoqsi jekk kinitx saret tfittxija, l-Ispettur iwieġeb fin-negattiv u jgħid illi ma saret l-ebda tfittxija lanqas fil-post fejn jirrisjedi l-imputat.

Fl-istess seduta xehdet ukoll bint Angela Cassar, is-sinjura **Jeanette Fava Cassar**, illi ġiet imwissija bid-dritt tagħha li ma tixhidx tenut kont tal-akkużi fil-konfront ta' ommha. Ix-xhud tispjega illi taħdem Malta u li għalhekk ma tkunx għand ommha daqshekk regolari. Tkun Għawdex fil-*weekend* iżda mhux ta' kull ġimgħa. Tgħid illi hija mgħarrfa illi l-każ odjern jirrigwarda fastidju u theddid imwettqa mill-imputat fil-konfront ta' ommha. Tgħid illi lill-imputat tafu biss peress illi kien għamel żmien f'relazzjoni ma' ommha.

Tgħid illi r-relazzjoni ta' bejn ommha u l-imputat bdiet qabel l-elfejn u ħdax (2011). Kien imbagħad lejn tmiem l-2011 illi ma baqgħux ma' xulxin. Tgħid illi l-imputat kien jhedded lill-ommha billi jgħidilha li ser jaqtala rasha. Tgħid illi kien imbagħad fl-elfejn u erbatax (2014) illi r-relazzjoni ta' bejn ommha u l-imputat Carmel Saliba reġgħet bdiet.

Tiddeskrivi illi għall-bidu Cassar u Saliba kienu jiltaqgħu biss iżda mażżmien bdew jabitaw flimkien. Tgħid illi dan l-arranġament dam sa Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Ix-xhud tkompli billi tgħid illi f'Awwissu tal-elfejn u sbatax (2017) ommha kienet għamlet operazzjoni ta' *knee replacement*. Kien minn hemmhekk illi l-affarijiet ma baqgħux sejrin sew. Ix-xhud tgħid illi l-imputat Saliba ma kien xejn ta' sapport għal ommha fi żmien verament diffiċli, tgħid anzi saħansitra illi kien qed ikun każ ta' stress u ansjeta'. Dan kien il-kaġun illi r-relazzjoni ntemmet. Tgħid illi kien għal dik il-ħabta li ommha keċċiet lill-imputat mid-dar.

Skont ix-xhud l-imputat baqa' jipprova jagħmel kuntatt ma' ommha. Kien jagħmel dan billi jċempel. Ix-xhud tgħid illi l-imputat kien ukoll jidħol fil-ġnien ta' ommha. Dan peress illi x-xatba li tagħti għall-ġnien ma kinitx tissakkar. Ix-xhud tiddeskrivi illi l-imputat kien jidħol fil-ġnien u jintefa hemm.

Tirrakkonta episodju ta' darba waħda f'Awwissu tal-elfejn u tmintax (2018), cioe' sena wara li r-relazzjoni ntemmet, meta x-xhud kienet id-dar ta' ommha u tgħid illi kienet rat lill-imputat fil-ġnien. Dan iż-żmien kien jaħbat ftit qabel ma rrapportat ommha mal-Pulizija. Tgħid illi dakinhar Saliba beda' jgħajjat u jgħid: *"X'ġiet tagħmel għax ma baqgħetx Malta?"*. Tgħid illi l-imputat kien qed jindirizza dak il-kliem lil Cassar iżda kien qed jistaqsi b'referenza għax-xhud stess. Tgħid illi hi u ommha x'ħin raw hekk ma baqgħux id-dar. Tgħid illi x'ħin reġgħu lura

sabu tank tal-gass nieqes. Tgħid iżda li ma ratx li dan kien ħadu l-imputat Saliba.

Ix-xhud tgħid illi ġieli kien jinstab il-qxur tal-larinġ fil-ġnien ta' ommha. B'hekk kienu qed jindunaw illi kien qed jidħol xi ħadd fil-ġnien jiekol il-larinġ. Tgħid illi dawn l-affarijiet kienu jseħħu ta' spiss iżda hija qatt ma kienet rat lill-imputat jagħmel dawn l-affarijiet.

Tgħid illi tul iż-żmien li ommha u l-imputat kienu f'relazzjoni ma' xulxin, meta hija kienet tkun kuntatt ma' ommha permezz tat-telefon ta' dejjem kienet tinnota illi kien ikun hemm xi latikar jew ġlied bejniethom.

Ix-xhud tgħid illi minn dak li qal fil-preżenza tagħha l-imputat ir-raġuni li r-relazzjoni tiegħu ma' ommha falliet kienet propju tort tagħha.

Dwar l-armi x-xhud tgħid illi ma kinitx taf li jeżistu u saret taf bihom biss wara li ommha kienet għamlet ir-rapport mal-Pulizija. Minn hemm kien li ħarġet din l-informazzjoni. Ommha ma kienet tatha l-ebda informazzjoni dwar l-armi, lanqas wara li kien sar ir-rapport mal-Pulizija.

In kontro eżami x-xhud ġiet mistoqsija dwar ir-relazzjoni tagħha ma' ommha fejn hija twieġeb illi r-relazzjoni hija tajba ħafna u li jitkellmu ħafna ma' xulxin.

Mistoqsija dwar l-armi hija tgħid illi taf li kienet ommha li ħadithom l-Għassa. Tgħid illi ma kelliex informazzjoni dwar kemm kien ilhom ġo

dar ommha u li hi qatt ma kienet rathom. Kienet taf illi l-armi kienu miżmuma ġod-dar ta' ommha. Ix-xhud tgħid illi r-raġuni għalfejn ma staqsietx lill-ommha sabiex tagħtiha informazzjoni dwar l-armi kien proprju peress li ma xtaqitx li tkun involuta f'din il-biċċa. Ix-xhud twieġeb illi ma kienitx taf l-armi ta' min kienu jew kif ġew għand ommha.

Ix-xhud tgħid illi hija tgħix Malta u tiġi Għawdex biss fil-*weekend*. Mhux kull *weekend* taqsam Għawdex biex tara lill-ommha.

Mistoqsija dwar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) ix-xhud tgħid illi dakinhar hija kienet Malta. Kien għalhekk illi ma kienet rat xejn mill-akkadut. Li taf biss huwa minn dak li kienet qaltilha ommha. Tgħid illi tul is-sena preċedenti ma kienet rat l-ebda vjolenza mwettqa minn Saliba fuq ommha. Tgħid iżda illi nnotat li ommha kienet tkun imdejqa. Kienu jiġġieldu bejniethom. Tgħid illi hija qatt ma semgħet theddid jingħad quddiema. Iżżid illi t-telefonati minn Saliba ma waqfux u ġieli nzerta li waqt li kienet għand ommha jċempel l-imputat Saliba jgħid li jixtieq li jerġgħu jirranġaw.

Rigward l-akkużi ta' fastidju x-xhud tgħid illi ma taf b'xejn għajr li l-imputat Saliba kien joqgħod jistenna lill-ommha barra ta' ħanut. Kien imur hemm sempliċiment biex ikellimha.

In ri eżami x-xhud tgħid illi d-dimensjonijiet tal-ġnien ta' ommha huma kbar. Dwar l-armi x-xhud tgħid illi qabel id-data li fiha l-akkużi jinkwadraw, ċioe' l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tal-elfejn u

tmintax (2018), ma kellhiex idea dwar l-eżistenza tagħhom. Dwar l-allegati inċidenti tgħid illi hija ma kienet rat xejn ħlief dik id-darba li Saliba kien daħal fil-ġnien li jagħmel mad-dar ta' ommha. Apparti dan, dak kollu li taf huwa minn dak li tkun qaltilha ommha.

Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ittieħdet ix-xhieda ta' **Josefa Zammit** in rappreżentanza tal-FSWS, *Gozo Branch*. Tgħid illi hija taħdem fl-aġenzija FSWS. L-aġenzija kienet ikkuntattjata mill-Aġenzija Appoġġ, Malta, dwar is-sinjura Angela Cassar. Cassar kienet għamlet rapport l-Għassa tar-Rabat, Għawdex. Kien meħtieġ li jsir *risk assessment* u għalhekk intalbet l-għajnuna tal-FSWS.

Ix-xhud tgħid illi hija ltaqgħet ma' Angela Cassar fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex. Dan kien f'Ottubru tal-elfejn u tmintax (2018). Dakinhar kien sar ir-*risk assessment* mitlub. Ix-xhud tgħid illi dakinhar kien hemm magħha l-kollega Amanda Azzopardi.

Ix-xhud tgħid illi mir-*risk assessment* irriżulta l-*iscore* għoli ta' sitta u għoxrin (26). Tfiehem illi minn erbatax (14) 'il fuq ikun ifisser illi l-persuna eżaminata tkun f'riskju ta' vjolenza domestika. Tgħid illi bi *score* ta' 26 kien ifisser illi Angela Cassar kienet f'riskju għoli. Tispjega illi l-*iscore* jibqa' tiela' skont kif jitwieġbu domandi magħmula lill-persuna eżaminata. Tali domandi jifformaw parti minn formolarju. Tgħid illi dan l-assessjar jinvolvi diversi kundizzjonijiet, bħal per eżempju jekk il-persuna eżaminata tkunx ġiet soġġetta għal theddid jew fastidju.

Mistoqsija dwar dokumenti oħra relattivi għall-file ta' Angela Cassar, ix-xhud twieġeb illi dokumenti magħha għal din is-seduta ma ġabitx iżda hi kienet għaddiet id-dokumenti kollha lill-Pulizija fl-Għassa tar-Rabat, Għawdex.

Ix-xhud tgħid illi wara li kien sar ir-*risk assessment* l-involviment tagħha kompla. Dan peress illi Angela Cassar kienet ġiet riferita għal attenzjoni ta' *social worker* fejn kienu saru xi appuntamenti għal dan il-għan. Tgħid illi wara xi żmien kien ingħalaq il-każ min-naħa tas-*social workers*. Bħala *social worker* kienet hi stess. Tispjega illi kien hemm żmien fejn ma kinitx qed tkun xogħol u allura l-każ ta' Angela Cassar ġie assenjat lil *social worker* ieħor. Aktar tard imbagħad il-każ ta' Angela Cassar kien ġie magħluq.

Ix-xhud tgħid illi l-każ ġie magħluq peress illi Angela Cassar ma xtaqitx li tiġi segwita aktar minn *social workers*.

Ix-xhud tgħid illi mill-eżami tagħha fuq Angela Cassar ħareġ illi Cassar kienet tbati minn ansjeta'. Cassar kienet fetħet fuq il-passat tagħha. Tiċċara illi dak li jirrigwarda l-passat ta' Cassar mhux rifless fir-*risk assessment* stante illi r-*risk assessment* ikun fih biss dak li ntqal ġewwa l-Għassa. Cassar tgħid lix-xhud illi hija kienet f'relazzjoni mal-imputat fejn kienet qed tiġi soġġetta għal vjolenza u li ġieli anke kien hedded lil Cassar kemm personalment u kif ukoll lill-familjari tagħha.

In kontro eżami x-xhud tgħid illi r-*risk assessment* huwa bħal formolarju, b'sett ta' domandi li l-persuna li tkun qed tiġi eżaminata tkun trid

twieġeb għalihom bil-kliem 'iva' jew 'le'. Tispjega illi skont il-ħtieġa jistgħu jsiru kummenti għal kull domanda. Ix-xhud tispjega illi fix-xogħol tagħhom jistrieħu fuq dak li tgħid il-vittma u ma jivverifikawx dak li jkun intqal.

Mistoqsija sabiex telabora aktar fuq it-theddid imsemmi minnha li sar fil-konfront ta' familjari ta' Angela Cassar, ix-xhud tgħid illi dan it-theddid kien indirizzat lill-familjari ta' Cassar. Ix-xhud tgħid illi skont Cassar l-imputat Saliba kien qal li xi ħadd minn uliedha ser jispiċċa fis-siġġu tar-roti. Mistoqsija jekk tafx għal min huwa kien qed jirreferi meta Cassar qaltilha dan il-kliem, ix-xhud tgħid illi ma tiftakarx dwar min minn ulied Cassar kien qed jingħad dan id-diskors.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

1. **L-ewwel imputazzjoni**, dik dwar iż-żamma, pussess jew ġarr barra ta' arma tan-nar u/jew munizzjoni mingħajr liċenzja bi ksur tal-Att dwar l-Armi (Art. 5(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta), jingħad illi l-artikolu 5(1) tal-Kap. 480 jagħmel il-pussess ta' arma bħala suġġett għal-liċenzja. Għalhekk l-għan ta' dan l-artikolu huwa primarjament li jrażżan il-pussess ta' armi bla liċenzja.

2. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Numru. 299/2011) fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Alfred Vella**, jingħad illi m'hijiex skuża illi wieħed jargumenta li l-arma ma kinitx intiża biex tintuża kontra l-liġi.

3. **<u>It-tieni imputazzjoni</u>** dik li tinkwadra ruħha f'insulti, theddid jew inġurji bi kliem jew b'mod ieħor bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jingħad illi din hija kontravvenzjoni ta' inġurji ġeneriċi li wieħed jinstab ħati tagħha kemm-il darba il-fatt ma jkunx jaqa' taħt dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali.

4. Għar-rigward tat-**<u>tielet imputazzjoni</u>**, u cioe' dak ta' fastidju bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali, issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Joseph Bajada**[2] fejn ingħad: "*Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jidher illi l-imġieba li toħloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux inċident wieħed u iżolat.*"

5. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- James Demanuele**, deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti stqarret:

"*L-artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b' mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Il-liġi fis-sub-inċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-sub-inċiż (3)(c) il-liġi tkompli*

[2] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, deċiża 2 ta' Mejju 2013

*tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli. Fl-artikolu 251C hu pprovdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata' ("alarming") jew idejjaq ("causing...distress") lill-persuna."*

6. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "*harassment*") ġie definit mill-Black's Law Dictionary (7th Edition) bħala:

*"Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija -vs- Alan Caruana Carabez** (deċiża 21/6/07):*

*....f'kazijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' żmien."*

7. Pero', xorta waħda jkun irid jirriżulta mill-provi għall-fini tal-parametri tal-akkuża nnifisha.

8. *"Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tgħid li riferenzi għal għoti ta' fastidju lill-persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni*

*oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment". Filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika w dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-aġir però hu kalkulat li joħloq ċerta biża f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed tiġi segwit u impoġġi taħt ċerta pressjoni inġusta. Hu proprju dan li din il-liġi l-ġdida trid tipprojbixxi."*[3]

9. Dwar ir-**<u>raba' akkuża</u>** u cioe' dik li tirrigwarda vjolenza domestika bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Francis Xavier Micallef** irriteniet is-segwenti:

*"Illi l-imputat jinsab akkużat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjaħ "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Raymond Parnis** (24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-harassement taħt dina id-dispożizzjoni tal-liġi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imġieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi inċident wieħed iżolat. Il-Qorti tistqarr:*

[3] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, **Il-Pulizija -vs- Andre' Attard**, deċiża 12 ta' Marzu 2019 (Każ Numru: 334/2018)

*"...illi dawn l-affarijiet kollha li seħħew fil-kuntest ta' inċident wieħed – ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-artikolu 251B tagħna – u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-sub artikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkażjoni waħda iżda jrid ikun hemm għal anqas żewġ okkażjonijiet – proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża, "on at least two occasions". Għal xi raġuni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illoġika – il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra"."*

10.Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not*

*being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct... It was recognised, however that circumstances can be conceived "where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct". The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday..."*

11. *"Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrjenti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għal fini tal-imsemmi artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imġieba", haġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skond iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di piu', ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għal finijiet tal-artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt dispożizzjonijiet oħra tal-liġi."*[4]

12. Illi l-liġi għalhekk titkellem dwar "*imġieba*", "*a course of conduct*", u minn din l-espożizzjoni legali jirriżulta illi dan ir-reat ma jisussistix jekk dan ikun xi inċident iżolat.

13. Il-biża' li ser tintuża vjolenza kontra persuna jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi

[4] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, **Il-Pulizija -vs- Andre' Attard**, deċiża 12 ta' Marzu 2019 (Każ Numru: 334/2018)

persuna msemmija fl-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (251B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) huwa reat serju.

14. Il-Pulizija għandha s-setgħa li tistitwixxi proċeduri *ex officio* f'każ ta' kommissjoni ta' reat/i illi jinvolvu vjolenza domestika, anke mingħajr il-ħtieġa tal-kwerela tal-offiż. Dan huwa intiż sabiex jiġu salvagwardati dawk id-diversi vittmi ta' vjolenza domestika li jkunu jbatu fis-skiet u li ma jkollhomx is-saħħa u/jew ir-rieda psikoloġika li jipproċedu kontra l-aggressur. Kieku ma kienx għal din id-dispożizzjoni, l-eżerċizzju tal-azzjoni penali f'dawn il-każijiet ta' vjolenza domestika ssir diffiċli ħafna għaliex bosta drabi l-vittmi ma jkunux iridu li jipproċedu kontra l-aggressur tagħhom għal episodji li jsiru fi ħdan l-erba' ħitan tad-djar privati minħabba biża' ta' ritorsjoni jew ritaljazzjoni jew sempliċiment għaliex ma jkunux jafu jgħixu mod ieħor u jibqgħu jbatu fis-skiet.

15. Għalhekk il-liġi tat is-setgħa lill-Pulizija jipproċedu *ex officio* f'kull każ li jinvolvi vjolenza domestika – irrispettivament minn natura jew forma tar-reat li jinvolvi vjolenza – dment li din tkun vjolenza domestika skont l-artikolu 2 tal-Kap 480. U dan mingħajr ma l-istess liġi tal-vjolenza domestika tippreskrivi tifsira għall-kelma "vjolenza" – li allura tista' tinvolvi diversi tipoloġiji ta' reati; u mingħajr ma l-istess liġi ssemmi jekk tali reati humiex proċedibbli ad istanza tal-parti offiża jew le.[5]

[5] Qorti Tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali, **Il-Pulizija -vs- Jerken Decelis**, deċiża 22 ta' Novembru 2013 (Każ Numru: 894/2013)

16. Illi l-**<u>ħames imputazzjoni</u>** tikkontempla r-reat ta' theddid li jsir reat permezz ta' network jew xi apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, jew bil-ħsieb li jittieħdu xi flus jew biex isir gwadann, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil ħaddieħor jagħmel jew jonqos milli jagħmel ilment kontra tagħha, jew biex immalafamajt lil jew xi persuni oħra, jew użu ieħor mhux xieraq bih.

17. Dwar din l-imputazzjoni, issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali, bin-numru 50/2017, fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Salvatore La Rocca**, deċiża fis-sebgħa (7) ta' Frar tal-elfejn u dsatax (2019), fejn intqal hekk dwar l-artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta:

18. "*L-element essenzjali għal sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 49(a) tal-Kap. 399 huwa li jkun sar theddid li se jsir xi reat u dan bl-użu ta' network jew apparat elettroniku...*

*L-artikolu 49(c) tal-Kap. 399 imbagħad jirreferi għal użu mhux xieraq tal-apparat elettroniku. Kif gia' kellha l-opportunita' din il-Qorti li tikkummenta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Francine Cini** "użu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe użu, jew kull haġa taħt il-kappa tax-xemx, magħduda kull offiża, insult jew kelma żejda, iżda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta minn theddid, estorsjoni u attivitajiet illeċiti.*" (deċiża fl-24 ta' Lulju 2017).

19. It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' ħsara inġusta. Saħansitra anke li kieku kellu jitqies li l-kliem li seta' ntuża mill-imputat kien wieħed malafamanti, xorta bl-applikazzjoni tal-proviso li ddaħħal bl-Att XI tal-2018, ma jkun jeżisti l-ebda reat taħt l-artikolu 49 tal-Kap. 399: *"Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."*

20. Dan l-artikolu llum il-ġurnata jaqra: *"Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*
*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€ 23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu*

*jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att."*[6]

21. Dwar is-**sitt imputazzjoni** l-akkuża tal-użu tal-vettura mingħajr polza tal-assikurazzjoni, jingħad illi l-liġi bl-artiklu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

*"Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."*

22. L-elementi neċessarji għal vjolazzjoni ta' dan l-artiklu huma s-segwenti:

(1) Fil-każ ta' "*użu*" l-imputat jista' jkun kwalunkwe persuna li tista' tinstab kriminalment responsabbli taħt il-liġi. Fil-każ ta' "*ġiegħelt jew ħallejt*", l-imputat irid ikun sid il-vettura, xi ħadd li għandu pussess tagħha jew inkella xi ħadd li lilu ġiet fdata l-vettura. Għalkemm l-artikolu 3(1) ma' jispeċifika xejn f'dan ir-rigward, il-persuna li ġġiegħel jew tħalli lil persuna oħra tuża vettura mingħajr kopertura lil terzi trid tkun neċessarjament jew sid il-vettura jew persuna li għandha pussess tagħha inkella persuna illi mill-provi jirriżulta illi lilha ġiet fdatha, imqar b'mod temporanju, il-vettura in kwistjoni.

[6] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, **Il-Pulizija -vs- Joseph Mary Ebejer**, deċiża 22 ta' Lulju 2020

(2) Vettura bil-mutur: trid tintuża "*vettura bil-mutur*" sabiex dan ir-reat jissussisti.

(3) Il-lok: Il-vettura bil-mutur trid tintuża fit-toroq. Li jfisser dan illi l-vettura trid tkun qed tiġi effettivament misjuqa fit-triq.

(4) L-użu tal-vettura (mill-persuna li tuża jew li ġiet permessa jew mġiegħla tuża) ma' jkunx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Kull polza ta' assigurazzjoni ta' vettura trid tkun minimament tkopri t-terzi persuni. Fi kliem ieħor, m'huwiex possibbli illi kumpanija ta' assigurazzjoni toħroġ polza ta' assigurazzjoni ta' vettura mingħajr ma' tkopri t-terz.

23. Għar-rigward tal-imputazzjoni dwar sewqan mill-imputat meta ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni, il-prova li l-imputat kien hekk kopert b'tali polza tispetta lill-imputat għat-tenur tal-artikolu 3(1A) tal-Kap 104.

24. Fis-sentenza **Il-Pulizija -vs- Roxana Tanti** ġie ribadit: "*Din il-Qorti ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha **Il-Pulizija -vs- Angelo Scuderi**, **Il-Pulizija -vs- Stefan Apap**, u **l-Pulizija -vs- Charles Galea** u oħrajn dwar meta tiskatta l-preżunzjoni prevista fis-sub-artikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-sub-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 hu ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu: il-preżunzjoni in kwistjoni tiskatta kull meta "...min jiġi akkużat b'reat taħt is-sub-artikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat*

*ta' l-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)" tal-Kap. 104. Din id-dispożizzjoni ma tħalli lok għal ebda interpretazzjoni".*[7]

25. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija -vs- Emanuel Zarb** (App. Nru. 329/2010, deċiż 26 ta' Marzu, 2015) tgħid: *"...Id-diċitura tal-artikolu 3(1) tal-Kap 104 hija ċara u ma tħalli lok għall-ebda tip ta' interpretazzjoni. Jissussistu l-elementi tar-reat previst fl-imsemmi artikolu meta ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Is-sempliċi fatt li tkun tissussisti kopertura assigurattiva jeskludi għal kollox ir-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu."*[8]

26. Dwar **<u>is-seba' u l-aħħar imputazzjoni</u>** u cioe' dik tas-sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja maħruġa mill-awtorita' kompetenti, jingħad illi l-prova dwar din l-imputazzjoni hija purament fattwali. Li jrid jiġi ppruvat huwa jekk il-vettura fil-fatt intużatx u jekk fl-affermattiv jiġi ppruvat jekk fil-mument illi sar użu minnha kienitx koperta b'liċenzja kif trid il-liġi.

Il-Qorti rat ir-rapport tal-espert legali Dottor Andrew Sciortino, liema rapport huwa wieħed dettaljat u studjat u wara li din il-Qorti rat ix-xhieda li nġabret u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-parte civile u filwaqt li taqbel li persuna tista' tibqa' siekta, ma jfissirx li allura l-Qorti tieqaf hemm u ma tasalx għall-konklużjonijiet tagħha, liema

[7] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, **Il-Pulizija -vs- Roxana Tanti**, deċiża 17 ta' Novembru 2020 (Każ Numru: 558/2019)

[8] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, **Il-Pulizija -vs- Roxana Tanti**, deċiża 17 ta' Novembru 2020 (Każ Numru: 558/2019)

konklużjonijiet tal-Perit Legali taqbel magħhom. U dan anke wara li din il-Qorti ghamlet reviżjoni sħiħa tax-xhieda u dokumenti kollha tal-każ.

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah minnhom.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |